# Għaqda Mużikali San Ġużepp

## A.D. 1987

**10, Dar Ġużi Cassar,**

**Misraħ Arċisqof Gonzi,**

**Kalkara.**

**URL: www.sanguzeppkalkara.org**


# Programm tal-Festi Solenni Organizzati mill-Għaqda Mużikali San Ġużepp
# Ad Unur il-Glorjuż Patrijarka
# San Ġużepp
# Patrun tal-Knisja Universali
# U
# Missier il-Banda Tagħna
# Mit-12 sat-18 ta' Lulju 2010

***Il-Ħadd, 11 ta' Lulju 2010***

9.30am Titqassam il-pubblikazzjoni annwali mat-toroq tal-Kalkara, fejn issir ukoll il-ġabra speċjali għall-ispejjeż tal-festa.

***It-Tnejn, 12 ta' Lulju 2010***

6.30pm Il-Kumitat Ċentrali flimkien mal-fergħat kollha fi ħdan is-Soċjetà jieħdu sehem fil-quddiesa fl-okkażjoni tal-ħruġ min-niċċa tal-vara artistika tal-Patrun tagħna San Ġużepp

7.30pm Bandisti miż-żewġ soċjetajiet mużikali tal-Kalkara jingħaqdu flimkien b'turija ta' għaqda u jsellmu lix-xbieha titulari fuq iz-zuntier tal-knisja b'innijiet Ġużeppini.

8.30pm Riċeviment għall-fergħat kollha tas-Soċjetà, Personalitajiet u Għaqdiet oħra.

***It-Tlieta, 13 ta' Lulju 2010***

8.00pm Il-Banda San Ġużepp tiftaħ il-festi ta' barra billi tagħmel marċ brijuż fl-inħawi ta' Santu Rokku, fejn takkumpanja l-istatwa artistika ta' San Ġużepp tul dawn it-toroq: Ġuże Porsella Flores, Antonio Falzon, Konvoj ta' Santa Marija, ħbit mill-Ajru, Santu Rokku u San Leonardu. Fit-tmiem tal-marċ l-Istatwa tittella' fuq il-kolonna tagħha.

***Il-Ħamis, 15 ta' Lulju 2010***

8.30pm Il-Banda San Bartilmew tal-Għargħur tibda marċ brijuż akkumpanjata mill-Vara artistika tal-Ħolma ta' San Ġużepp, fejn tgħaddi minn dawn it-toroq: Misraħ Arċisqof Gonzi, Kapuċċini, Triq il-Ġir, is-Sienja, Giovanni Ricasoli, Mattew Sultana, is-Sienja, San Mikiel, Rinella, Misraħ Arċisqof Gonzi, Dawret il-Bandli, ix-Xatt u tispiċċa fil-pjazza ewlenija tal-Kalkara, Misraħ Arċisqof Gonzi, fejn l-istatwa tingħata t-tislima tradizzjonali mill-Każin tas-Soċjetà u tittella' fuq il-kolonna.

***Il-Ġimgħa, 16 ta' Lulju 2010***

10.00pm Isir ħruq ta' musketterija bħala tislima lill-vara artistika tas-Sagra Familja mal-wasla tagħha fil-pjazza ewlenija f' Misraħ Arċisoqf Gonzi.

11.00pm Issir il-preżentazzjoni tradizzjonali ta' kuruna lill-vara tas-Sagra Familja mill-uffiċjali tas-Soċjetà tagħna mill-gallarija tal-Każin Sagra Familja.

***Is-Sibt, 17 ta' Lulju 2010***

8.00am Ħruq ta' Salut u Murtali

11.30am Delegazzjoni mis-Soċjetà tagħmel fjuri fuq l-Oqbra tal-Membri Mejta tas-Soċjetà

12.00pm Ħruq ta' Salut u Murtali.

8.00pm Il-Banda San Ġużepp tibda l-wisq popolari u tradizzjonali, marċ brijuż bl-istatwa artistika ta' Malta Rebbieħa, l-Għaxqa Ġużeppina. Il-marċ jibda minn triq ix-Xatt u jgħaddi minn dawn it-toroq: Misraħ Arċisqof Gonzi, Marina, ** is-Salvatur, Rinella, Sienja, San Mikiel, Rinella u jispiċċa fil-pjazza ewlenija Misraħ Arċisqof Gonzi fejn fost briju kbir tal-Kalkariżi Ġużeppini, l-istatwa artistika ta' Malta Rebbieħa, l-Għaxqa tal-Kalkariżi. Tingħata t-tislima tradizzjonali permezz ta' l-għoti tal-kuruni mill-każin tas-Soċjetà mill-Wisq Reverendu l-Kappillan tal-parroċċa, kif ukoll miż-żewġ Soċjetajiet Mużikali Kalkariżi. Wara jsir it-tlugħ ta' l-istatwa fuq il-kolonna fost l-istess ferħ u l-briju tal- partitarji Ġużeppini. Tinħaraq il-kaxxa nfernali spettakolari tal-kulur filwaqt li wara jsir li ħruq tan-nar ta' l-art.

** NB Jekk il-ħin ma jippermettix, il-marċ jgħaddi mill-istess toroq, pero jiżdiedu Taraġ San Ġużepp u triq Baptist Borda minflok triq is-Salvatur sabiex titnaqqas ir-rotta.

### *Il-Ħadd, 18 ta' Lulju 2010*

8.30am Delegazzjoni mis-Soċjetà tattendi għall-quddiesa solenni konċelebrata ta' Jum il-Festa, fil-Knisja Parrokkjali.

10.30am Il-Banda San Ġużepp tibda l-marċ brijuż ta' filgħodu minn triq Marina u tgħaddi minn dawn it-toroq: Misraħ Arċisqof Gonzi, Dawret il-Bandli, ix-Xatt, Misraħ Arċisqof Gonzi, Kapuċċini, Ġanni Raimondu, Santa Philomena, Rinella sa Triq San Mikiel. Wara l-marċ jerġa' jinżel minn triq Rinella u jispiċċa quddiem il-Każin tas-Soċjetà fil-pjazza ewlenija tal-Kalkara f'Misraħ Arċisqof Gonzi.

6.45pm Il-Banda Beland taż-Żejtun tibda marċ minn quddiem il-Każin f'Misraħ Arċisqof Gonzi, Santa Filomena, Ġanni Raimondo, San Lawrenz, Kapuċċini u Misraħ Arċisqof Gonzi, fejn titla' fuq iz-zuntier u ssellem l-vara ta' San Ġużepp waqt il-ħruġ tagħha mill-Knisja.

8.00pm L-istess Banda tagħmel marċ f'Misraħ Arċisqof Gonzi, Dawret il-Bandli, ix-Xatt u jispiċċa f'Misraħ Arċisqof Gonzi.

9.00pm L-istess Banda tissokta bi programm fuq il-planċier f'Misraħ Arċisqof Gonzi. Iktar tard il-Banda ssellem mill-ġdid lill-vara titulari waqt id-dħul tagħha

lura fil-knisja parrokkjali. Wara l-għeluq taċ-ċelebrazzjonijiet interni jibda l-marċ ta' l-aħħar bl-inżul ta' l-istatwa ta' Malta Rebbieħa minn fuq il-kolonna tagħha.

Nistiednu lill-Kalkariżi kollha sabiex jingħaqdu magħna għall-għeluq ta' din il-festa ĠUŻEPPINA hekk kbira u grandjuza.

*Il-Kumitat iżomm id-dritt li jibdel it-toroq skond in-neċessità ta' dak il-ħin.*